MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 805/2006

**Anthony Galea**

**-vs-**

**C I Gauci Company Limited**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Settembru 2006 li permezz tieghu l-attur talab hlas tas-somma ta' seba mija u wiehed u sebghin lira Maltija u hames centezmi (Lm771.05) rapprezentanti arretrati ta' paga, bonus u leave ghal perjodi li l-istess attur ghamel bhala impjegat tas-socjeta konvenuta, b'l-ispejjez.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet ta'l-attur sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-

Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta konvenuta gie notifikata b’l-avviz fis-14 ta’ Settembru 2006 naqset li tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici, u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas s-somma ta’ seba mija u wiehed u sebghin Lira Maltija u hames centezmi (Lm771.05) u b’l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------